MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 823/2009

**Go p.l.c. (C – 22334)**

**vs**

**Patrick Farrugia
(I.D. 421672M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta' attrici talbet lil konvenut il-hlas tas-somma ta' elf, mija u sittin Euro u sitta u sebghin centezmi (€1,160.76), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numri 21248552 u 21344962 (CN 1014309 – AC 10064008 u 10094419).

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.
Bl-imghax u bl-ispejjez.

Dokumenti mehmuza mal-avviz tat-talba :

Dok A – Prospett – AC 10064008
Dok B – Prospett – AC 10094419
Dok C – Kuntratt datat 24 ta' Novembru, 1999 vis 248552
Dok D – Kuntratt datat 15 ta' Settembru, 1997 vis 344692
Dok E – Estratt mir-registru elettorali

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' elf, mija u sittin Euro u sitta u sebghin centezmi (€1,160.76), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------